2024/2195

5.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2195

tal-4 ta' Settembru 2024

li jiddetermina l-format għall-preżentazzjoni tar-rapporti tad-*data* msemmija fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(9), it-tieni subparagrafu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014 ([2]) stabbilixxa l-format għar-rapport li għandu jiġi ppreżentat mill-produtturi, l-importatur, l-esportaturi u ċerti utenti ta' gassijiet serra fluworurati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 sadattant ħadlu postu r-Regolament (UE) 2024/573. L-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/573 jistabbilixxi obbligi ġodda ta' rappurtar li jikkonċernaw il-produtturi, l-importaturi, l-esportaturi, u ċerti utenti ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. B'mod partikolari, il-lista tal-gassijiet, it-tagħmir li fih dawk il-gassijiet u l-attivitajiet relatati ma' dawk il-gassijiet ġiet estiża.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1191/2014 jitħassar.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/573 għandhom ikunu bbażati fuq il-format stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1191/2014 huwa mħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jiddetermina l-format u l-mezzi għall-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (ĠU L 318, 5.11.2014, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/1191/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/517/oj).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

SPJEGAZZJONIJIET ĠENERALI

Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fit-taqsimiet ta' rappurtar ta' dan l-Anness, id-*data* rrappurtata għandha tkopri l-attivitajiet tal-impriża matul is-sena kalendarja li għaliha jkun ġie sottomess ir-rapport

L-unitajiet tal-kejl, il-gassijiet koperti, il-livell ta' dettall u indikazzjoni tas-sena li fiha għandhom jiġu rrappurtati l-attivitajiet huma speċifikati separatament f'kull taqsima ta' rappurtar.

Il-format ġenerali tal-għodda ta' rappurtar huwa stabbilit fit-taqsimiet ta' rappurtar li ġejjin.

TAQSIMIET TA' RAPPURTAR

Taqsima 1: Għandha timtela mill-produtturi tal-gassijiet — l-Artikolu 26(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 26(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 1(a) tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull gass elenkat fl-Annessi I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573.

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA			KUMMENTI
1A	Il-kwantità totali tal-produzzjoni mill-faċilitajiet fl-Unjoni			Inklużi l-ammonti prodotti bħala prodotti sekondarji u l-ammonti mhux maqbuda.
	1Aa	— minn dan l-ammont: Ammonti mhux maqbuda		
		1A_a	— minn dan l-ammont: Ammonti meqruda	Jekk il-qerda in-line titwettaq minn impriża oħra, jenħtieġ li dik l-impriża tiġi speċifikata. Rapporti mill-produtturi li jwettqu l-qerda dwar it-total tal-kwantitajiet meqruda għandhom isiru fit-Taqsima ta' rappurtar 8.
	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
	1Ab	— minn dan l-ammont: Ammont totali ġġenerat u maqbud		1Ab = 1A - 1Aa
	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA			KUMMENTI
		1B	— minn dan l-ammont: Il-kwantità tal-produzzjoni mill-faċilitajiet fl-Unjoni li tikkonsisti fi produzzjoni sekondarja rkuprata jew prodotti mhux mixtieqa, fejn dik il-produzzjoni sekondarja jew dawk il-prodotti jkunu ġew meqruda fil-faċilitajiet qabel it-tqegħid fis-suq	Rapporti mill-produtturi li jwettqu l-qerda dwar it-total tal-kwantitajiet meqruda għandhom isiru fit-Taqsima ta' rappurtar 8.

		1C	— minn dan l-ammont: Il-kwantità tal-produzzjoni mill-faċilitajiet fl-Unjoni li tikkonsisti fi produzzjoni sekondarja rkuprata jew prodotti mhux mixtieqa fejn dik il-produzzjoni sekondarja jew dawk il-prodotti jkunu ngħataw lil impriżi oħra sabiex jinqerdu u ma kinux tqiegħdu fis-suq qabel	Għandha tiġi identifikata l-impriża li twettaq il-qerda.
	1C_a	— minn dan l-ammont: L-ammonti ta' idrofluworokarburi prodotti biex jintużaw bħala materja prima fl-Unjoni		Għandu jiġi indikat l-Istat Membru fejn se jsir l-użu tal-materja prima. Għandu jiġi rrappurtat it-tip ta' użu ta' materja prima.
		1C_a1	— minn dan l-ammont: Mingħajr qbid minn qabel	Għandu jiġi rrappurtat biss għall-HFC-23.
	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			KUMMENTI
		1C_a2	— minn dan l-ammont: Wara l-qbid minn qabel	1C_a2 = 1C_a – 1C_a1; Ikkalkulat biss għall-HFC-23.
	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA			KUMMENTI
	1C_b	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi prodotti għal użi fl-Unjoni li huma eżentati skont il-Protokoll ta' Montreal		It-tip ta' użu eżentat għandu jiġi speċifikat.
	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
		1D	— minn dan l-ammont: Il-kwantità totali tal-produzzjoni proprja maqbuda u meqruda li ma tkunx tqiegħdet fis-suq qabel	1D = 1B + 1C
1E		Il-produzzjoni disponibbli għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni		1E = 1A – 1D – 1A_a

Taqsima 2: Għandha timtela mill-importaturi tal-gassijiet — l-Artikolu 26(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 2(a) tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull gass elenkat fl-Anness I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573, għal taħlitiet li fihom mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet jew għal kull gass jew taħlita li tinsab f'polioli mħalltin minn qabel importati. Il-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi għandhom jiġu rrappurtati separatament għal kull pajjiż tal-oriġini, ħlief fejn indikat mod ieħor fit-tabella li ġejja.

L-importazzjonijiet bl-ingrossa biss għandhom jiġu rrappurtati f'din it-Taqsima, inklużi l-kwantitajiet ittrasportati flimkien mat-tagħmir għall-fini tal-iċċarġjar ta' dak it-tagħmir wara l-importazzjoni, iżda mhux il-kwantitajiet li jinsabu fit-tagħmir. L-importazzjonijiet ta' gassijiet li jinsabu fi prodotti jew f'tagħmir għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima 11. L-importazzjonijiet kollha għandhom jiġu rrappurtati, ħlief merkanzija taħt ħażna temporanja.

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
2A	Ammont totali importat fl-Unjoni	L-importazzjonijiet kollha li għandhom jiġu rrappurtati ħlief merkanzija taħt ħażna temporanja.

	2B	— minn dan l-ammont: L-ammont importat fl-Unjoni mill-impriża li tirrapporta, inklużi l-ammonti mixtrija jew riċevuti minn impriżi oħra skont proċedura doganali speċjali, mhux rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera, u esportati mill-ġdid li jinsabu fi prodotti jew f'tagħmir mill-impriża li tirrapporta	Ir-rappurtar skont il-pajjiż tal-oriġini mhuwiex meħtieġ. Gassijiet bl-ingrossa importati għall-ipproċessar attiv, iċċarġjati fi prodotti jew tagħmir u sussegwentement esportati mill-ġdid. Meta l-esportazzjoni mill-ġdid tal-prodotti jew tat-tagħmir (it-Taqsima 2B) ma sseħħx fl-istess sena kalendarja bħall-importazzjoni jew bħax-xiri, il-kwantitajiet irrappurtati fit-Taqsima 2B jistgħu jinkludu esportazzjonijiet mill-ġdid fi prodotti jew f'tagħmir tal-istokkijiet tal-1 ta' Jannar mhux imqiegħda fis-suq tal-Unjoni kif irrappurtat fit-Taqsima 4C. It-tip ta' prodotti esportati mill-ġdid jew l-użu tat-tagħmir għandhom jiġu speċifikati. L-esportazzjonijiet tal-gass bl-ingrossa għandhom jiġu rrappurtati biss fit-Taqsima 3.
	2C	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi użati, riċiklati jew reklamati	
	2D	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi verġni importat għall-użu bħala materja prima	Għandu jiġi rrappurtat it-tip ta' użu ta' materja prima.
	2E	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi verġni importat għal użi li huma eżentati skont il-Protokoll ta' Montreal	Għandu jiġi speċifikat it-tip ta' użu eżentat.
	2F	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi li hemm f'polioli mħalltin minn qabel	
2G	L-ammonti taħt proċeduri doganali speċjali, mixtrija/riċevuti minn impriżi oħra		Jinkludu ammonti importati, iżda mhux introdotti fis-suq, minn impriżi oħra. Ir-rappurtar skont il-pajjiż tal-oriġini mhuwiex meħtieġ.
	2H	L-ammonti taħt proċeduri doganali speċjali li nbiegħu jew ġew fornuti lil impriżi oħra	Il-bejgħ tal-ammonti rrappurtati f'2A u/jew 2G, fejn dawk ma jkunux ġew introdotti fis-suq mill-impriża li tirrapporta. Ir-rappurtar skont il-pajjiż tal-oriġini mhuwiex meħtieġ. L-impriża/i li tirċievi/jirċievu l-ammonti rrappurtati għandha/għandhom jiġu speċifikati.
	2I	L-ammont rilaxxat taħt proċeduri doganali speċjali	L-emissjonijiet minn ammonti rrappurtati f'2A u/jew 2G, fejn dawk ma jkunux ġew introdotti fis-suq mill-impriża li tirrapporta. Ir-rappurtar skont il-pajjiż tal-oriġini mhuwiex meħtieġ. Għandha tingħata spjegazzjoni għall-emissjonijiet.

Taqsima 3: Għandha timtela mill-esportaturi tal-gassijiet — l-Artikolu 26(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 3 tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull gass elenkat fl-Annessi I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573, għal taħlitiet li fihom mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet jew għal kull gass jew taħlita li tinsab fil-polioli mħalltin minn qabel esportati. Il-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi għandhom jiġu rrappurtati separatament għal kull pajjiż tad-destinazzjoni, ħlief fejn indikat mod ieħor fit-tabella li ġejja.

L-esportazzjonijiet ta' gassijiet bl-ingrossa biss, inkluż kwalunkwe kwantità trasportata flimkien ma' tagħmir għall-fini tal-iċċarġjar ta' dak it-tagħmir wara l-esportazzjoni, għandhom jiġu rrappurtati f'din it-Taqsima.

Il-kwantitajiet mill-produzzjoni proprja fornuti lil impriżi oħra fl-Unjoni għall-esportazzjoni diretta, jew l-importazzjonijiet proprji rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera u esportati jew mill-importatur innifsu jew fornuti lil impriżi oħra fl-Unjoni għall-esportazzjoni diretta, għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima ta' rappurtar 5.

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA		KUMMENTI
3A	L-ammont totali esportat mill-Unjoni		
	3B	— minn dan l-ammont: Esportazzjoni ta' ammonti mhux imqiegħda fis-suq	Għandhom jinkludu ammonti esportati mill-produzzjoni proprja mhux imqiegħda fis-suq, minn importazzjonijiet proprji mhux imqiegħda fis-suq u minn ammonti mixtrija taħt proċeduri doganali speċjali u mhux imqiegħda fis-suq qabel l-esportazzjoni tagħhom. Ir-rappurtar skont il-pajjiż tad-destinazzjoni mhuwiex meħtieġ.
	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT		
	3C	— minn dan l-ammont: L-ammont esportat mixtri minn impriżi oħra fl-Unjoni	3C = 3A – 3B
	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA		KUMMENTI
	3G	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi użati, riċiklati jew reklamati esportat	
	3H	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi verġni esportat għall-użu bħala materja prima	Għandu jiġi rrappurtat it-tip ta' użu ta' materja prima.
	3I	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi verġni esportat għal użi li huma eżentati skont il-Protokoll ta' Montreal	It-tip ta' użu eżentat għandu jiġi speċifikat.
	3J	— minn dan l-ammont: L-ammont ta' idrofluworokarburi li jinsabu f'polioli mħalltin minn qabel	

Taqsima 4: Għandha timtela mill-produtturi u mill-importaturi tal-gassijiet u mill-impriżi li jirreklamaw il-gassijiet — l-Artikolu 26(1), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 26(6) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punti 1(d), 2(b), 8(a) u 8(b) tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull gass elenkat fl-Annessi I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573 jew għal taħlitiet li fihom mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet jew għal kull gass jew taħlita li tinsab f'polioli mħalltin minn qabel.

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA			KUMMENTI
4A	Total ta' stokkijiet fl-1 ta' Jannar			Għandhom jiġu rrappurtati l-istokkijiet kollha fl-Unjoni. Dan ma għandux jinkludi merkanzija taħt ħażna temporanja.
	4Aa	— minn dan l-ammont: Stokkijiet fl-1 ta' Jannar ta' kwantitajiet li qed jistennew li jiġu reklamati		Għandha tiġi rrappurtata biss minn impriżi li jirreklamaw il-gassijiet.
	4B	— minn dan l-ammont: Stokkijiet fl-1 ta' Jannar ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew produzzjoni proprja jew minn xiri proprju taħt proċeduri doganali speċjali		
		4C	— minn dan l-ammont: Stokkijiet fl-1 ta' Jannar ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew produzzjoni proprja jew minn xiri proprju taħt proċeduri doganali speċjali, li qabel ma kinux tqiegħdu fis-suq	B'mod partikolari l-produzzjoni proprja mhux mibjugħa u l-importazzjonijiet proprji mhux rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera.
	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
		4D	— minn dan l-ammont: Stokkijiet fl-1 ta' Jannar ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew produzzjoni proprja jew minn xiri proprju taħt proċeduri doganali speċjali, li qabel tqiegħdu fis-suq	B'mod partikolari l-importazzjonijiet proprji rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera. 4D = 4B – 4C
	4E	— minn dan l-ammont: Stokkijiet oħra fl-1 ta' Jannar		B'mod partikolari minn xiri fl-Unjoni. 4E = 4A – 4B
	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA			KUMMENTI
4F	Total ta' stokkijiet fil-31 ta' Diċembru			Għandhom jiġu rrappurtati l-istokkijiet kollha fl-Unjoni. Dan ma għandux jinkludi merkanzija taħt ħażna temporanja.
	4Fa	— minn dan l-ammont: Stokkijiet fil-31 ta' Diċembru ta' kwantitajiet li qed jistennew li jiġu reklamati		Għandha tiġi rrappurtata biss minn impriżi li jirreklamaw il-gassijiet.
	4G	— minn dan l-ammont: Stokkijiet fil-31 ta' Diċembru ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew produzzjoni proprja jew minn xiri proprju taħt proċeduri doganali speċjali		
		4H	— minn dan l-ammont: Stokkijiet fil-31 ta' Diċembru ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew produzzjoni proprja jew minn xiri proprju taħt proċeduri doganali speċjali, li qabel ma kinux ġew introdotti fis-suq	B'mod partikolari produzzjoni proprja mhux mibjugħa jew importazzjonijiet proprji mhux rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera.

	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
		4I	— minn dan l-ammont: Stokkijiet fil-31 ta' Diċembru ta' kwantitajiet minn importazzjoni jew produzzjoni proprja jew minn xiri proprju taħt proċeduri doganali speċjali, li qabel ġew introdotti fis-suq	B'mod partikolari importazzjoni proprja rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera 4I = 4G – 4H
	4J	— minn dan l-ammont: Stokkijiet oħra fil-31 ta' Diċembru		B'mod partikolari minn xiri fl-Unjoni. 4J = 4F – 4G
	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA			KUMMENTI
4K	L-ammont reklamat mill-impriża nnifisha			
	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT			
4M	L-ammont totali fiżikament imqiegħed fis-suq			4M = 1E + 2A – 2B + 2G – 2H – 2I – 3B + 4C – 4H

Taqsima 5: Il-kwantitajiet għall-użi eżentati skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2024/573 u għall-produzzjoni ta' inalaturi b'doża mkejla għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi, li jridu jimtlew mill-produtturi u l-importaturi tal-idrofluworokarburi — l-Artikolu 26(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 26(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punti 1(c) u 2(a) tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull idrofluworokarbur (għall-gassijiet elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573, għal taħlitiet jew polioli mħalltin minn qabel li fihom mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet).

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
5A	Il-kwantità importata fl-Unjoni sabiex tinqered	L-impriża/i li jwettqu l-qerda għandhom jiġu speċifikati. Ir-rapporti mill-importaturi li jwettqu wkoll il-qerda huma stess dwar il-kwantitajiet meqruda għandhom isiru fit-Taqsima ta' rappurtar 8.
5B	Il-kwantità użata minn produttur jew importatur f'applikazzjonijiet ta' materja prima jew fornuta direttament minn produttur jew importatur lil impriżi għall-użu f'applikazzjonijiet ta' materja prima	Għandha tiġi speċifikata l-impriża/i li tuża/jużaw il-materja prima. Għandu jiġi rrappurtat it-tip ta' użu ta' materja prima. Ir-rapporti mill-produtturi jew l-importaturi li huma wkoll utenti tal-materja prima huma stess dwar l-użu minnhom tal-materja prima għandhom isiru fit-Taqsima ta' rappurtar 7.
5C	Il-kwantità fornuta direttament lill-impriżi għall-esportazzjoni barra mill-Unjoni, fejn dawk il-kwantitajiet ma sarux sussegwentement disponibbli lil parti oħra fl-Unjoni qabel l-esportazzjoni	Il-kwantitajiet li l-impriżi rrilaxxaw għaċ-ċirkolazzjoni libera u esportaw direttament huma stess għandhom jiġu rrappurtati hawnhekk ukoll. Innota li l-gassijiet kollha li għandhom jiġu rrappurtati hawnhekk iridu jkunu ġew ittikkettati bħala "għall-esportazzjoni diretta barra mill-UE biss" fil-ħin tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera f'konformità mal-Artikolu 12(9) tar-Regolament (UE) 2024/573. Il-kwantitajiet importati taħt proċeduri doganali speċjali u mibjugħa jew fornuti lil impriżi oħra matul dawk il-proċeduri għall-esportazzjoni mill-ġdid għandhom jiġu rrappurtati biss fit-taqsima 2H.

		L-impriża/i li tesporta/jesportaw għandhom jiġu speċifikati. Jenħtieġ li jiġu pprovduti d-dokumenti ta' verifika. L-idrofluworokarburi fi kwantitajiet kbar biss għandhom jiġu rrappurtati, mhux il-kwantitajiet li jinsabu fi prodotti jew f'tagħmir.
5D	Il-kwantità fornuta direttament għall-użu f'tagħmir militari	L-impriża li tirċievi l-kwantità għall-użu f'tagħmir militari għandha tiġi speċifikata.
5E	Il-kwantità fornuta direttament lil impriża li tużaha għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar ta' depożitu ta' fwar tal-kimika fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi	Il-manifattur tas-semikondutturi riċeventi għandu jiġi speċifikat.
5F	Il-kwantità fornuta direttament lil impriża li tipproduċi inalaturi b'doża mkejla għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi	Għandu jiġi speċifikat il-produttur tal-inalaturi b'doża mkejla riċeventi għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi.

Taqsima 5a: Il-kwantitajiet għal użi eżentati skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2024/573 u għall-produzzjoni ta' inalaturi b'doża mkejla għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi, li għandhom jimtlew minn riċevituri ta' idrofluworokarburi — l-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 7 tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull idrofluworokarbur (għall-gassijiet elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573, għal taħlitiet jew polioli mħalltin minn qabel li fihom mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet).

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
5aD	Il-kwantità eżentata skont l-Artikolu 16(2), riċevuta għall-użu f'tagħmir militari direttament minn importatur jew produttur	
5aE	Il-kwantità eżentata skont l-Artikolu 16(2), riċevuta għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar ta' depożitu ta' fwar tal-kimika fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi direttament minn importatur jew produttur	
5aF	Il-kwantità riċevuta għall-produzzjoni ta' inalaturi b'doża mkejla għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi direttament minn importatur jew produttur	

Taqsima 6: Il-kategoriji tal-applikazzjoni tal-gassijiet għas-suq tal-Unjoni, li għandhom jimtlew minn produtturi u importaturi tal-gassijiet — l-Artikolu 26(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 26(2) u (3), tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punti 1(b) u 2(a) tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull gass elenkat fl-Annessi I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573 jew taħlita li fiha mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet.

		INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
6A		Esportazzjoni	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrappurtat hawn (6A) għandu jkun l-istess ammont jew ogħla minn dak irrappurtat fit-Taqsima ta' rappurtar 5, kif fornut direttament lill-impriżi għall-esportazzjoni barra mill-Unjoni, fejn dawk il-kwantitajiet ma sarux sussegwentement disponibbli lil kwalunkwe parti oħra fl-Unjoni, qabel l-esportazzjoni rrappurtata taħt 5C.
6B		Qerda	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrappurtat hawn (6B) għandu jkun l-istess ammont jew ogħla minn dak irrappurtat fit-Taqsima ta' rappurtar 5, kif importat fl-Unjoni għall-qerda rrappurtata taħt 5A.
6C		Tagħmir militari	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrappurtat hawn (6C) għandu jkun l-istess ammont jew ogħla minn dak irrappurtat fit-Taqsima ta' rappurtar 5 kif fornut direttament għall-użu f'tagħmir militari rrappurtat taħt 5D.
6D		Refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana	
6E		Fluwidi ta' trasferiment tas-sħana oħra	
6F		Produzzjoni ta' fowms	
6G		Produzzjoni ta' polioli mħalltin minn qabel	
6H		Protezzjoni min-nar	
6I		L-aerosols — l-inalaturi b'doża mkejla	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrappurtat hawn (6I) għandu jkun l-istess jew ogħla minn dak irrappurtat fit-Taqsima ta' rappurtar 5 kif fornuti direttament lil impriża li tipproduċi inalaturi b'doża mkejla għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi (5F).
6J		Aerosols — użi oħra	
6K		Solventi	
6L		Materja prima	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrappurtat hawn [6L] għandu jkun l-istess jew ogħla minn dak irrappurtat fit-taqsima ta' rappurtar 5 bħala użat minn produttur jew importatur f'applikazzjonijiet tal-materja prima jew fornut direttament minn produttur jew importatur lil impriżi għall-użu f'applikazzjonijiet tal-materja prima (5B). Għandu jiġi rrappurtat it-tip ta' użu ta' materja prima.

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2195/oj

6M		Manifattura tas-semikondutturi	Għall-idrofluworokarburi, l-ammont irrappurtat hawn [6M] għandu jkun l-istess ammont jew ogħla minn dak irrappurtat fit-taqsima ta' rappurtar 5 kif fornut direttament lil impriża li tużah għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar għad-depożitar kimiku f'fażi ta' fwar fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi [5E].
6N		Manifattura fotovoltajka	
6O		Manifattura elettronika oħra	
6P		Tagħmir ta' kommutatur elettriku	
6Q		Aċċeleraturi ta' partikoli	
6R		Operazzjonijiet ta' pressofunditura tal-manjeżju	
		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
6S		Anestetiċi	6S = 6S1 + 6S2
		INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	6S1	Anestetiċi għall-użu mill-bniedem	
	6S2	Anestetiċi għall-użu veterinarju	
6T		Applikazzjoni oħra jew mhux magħrufa	Applikazzjoni jew applikazzjonijiet oħrajn għandhom jiġu speċifikati, u għandha tingħata spjegazzjoni mir-relatur dwar applikazzjoni mhux magħrufa.
6U		Tnixxija matul il-ħażna, it-trasport jew it-trasferiment, u l-emissjonijiet li jseħħu fil-produzzjoni	Fejn dawn il-kwantitajiet jiġu rrappurtati, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni.
6V		Aġġustamenti fil-kontabilità	Fejn dawn il-kwantitajiet jiġu rrappurtati, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni.
		KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
6W		It-total tal-kwantitajiet għall-kategoriji għall-applikazzjonijiet	6W = 6A + 6B + 6C + 6D + 6E + 6F + 6G + 6H + 6I + 6J+ 6K + 6L + 6M + 6N + 6O + 6P + 6Q + 6R + 6S + 6T + 6U + 6V Jekk id-*data* tiġi rrappurtata kif suppost, imbagħad it-total tal-kwantitajiet għall-kategoriji tal-applikazzjonijiet (6W) se jikkorrispondi għall-kwantità totali kkalkulata fornuta lis-suq tal-Unjoni (6X).
6X		Kwantità totali fornuta lis-suq tal-Unjoni	6X = 1E + 2A + 2G – 2H – 3B + 4B – 4G + 4K

Taqsima 7: Għandha timtela mill-utenti tal-materja prima tal-gassijiet — l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 5 tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali, (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull gass elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573 jew taħlita li fiha mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet.

Il-kwantitajiet effettivament użati bħala materja prima biss għandhom jiġu rrappurtati f'din it-Taqsima.

Fejn l-idrofluworokarburi (gassijiet elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573 jew taħlita li fiha mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet) ġew prodotti jew importati mill-impriża li tużahom bħala materja prima, il-kwantitajiet użati għandhom jiġu rrappurtati wkoll fit-Taqsima 5. Meta l-idrofluworokarburi jkunu ġew prodotti mill-impriża li tużahom bħala l-materja prima, il-kwantitajiet użati għandhom jiġu rrappurtati wkoll fit-Taqsima 1. Meta impriża tkun ipproduċiet jew importat idrofluworokarburi u sussegwentement bigħethom għall-użu bħala materja prima lil impriżi oħra, il-kwantitajiet fornuti ma għandhomx jiġu rrappurtati f'din it-Taqsima, iżda fit-Taqsima ta' rappurtar 5 biss, li tispeċifika l-impriża li tuża l-materja prima, u fil-każ tal-produtturi dawk għandhom jiġu rrappurtati wkoll fit-Taqsima ta' rappurtar 1, li tispeċifika l-Istat Membru fejn isir l-użu tal-materja prima.

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA		KUMMENTI
7A	L-ammont użat bħala materja prima mill-impriża nnifisha		Għandu jiġi rrappurtat it-tip ta' użu ta' materja prima.
	7A_a	minn dan l-ammont: l-ammont ta' gassijiet verġni	Għandu jiġi rrappurtat għall-HFC-23 biss.

Taqsima 8: Għandha timtela mill-impriżi li jkunu qerdu l-gassijiet — l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 4 tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull gass fluworurat b'effett ta' serra elenkat fl-Annessi I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573, jew taħlita li fiha mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet.

Għall-idrofluworokarburi, it-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjoni bejn sorsi kkonċentrati (bħal refriġeranti rkuprati) u sorsi dilwiti (bħal flussi ta' skart li fihom il-fowms).

Għandu jiġi rrappurtat it-total tal-kwantitajiet meqruda mill-impriżi li jirrappurtaw infushom. L-impriżi li huma produtturi għandhom jirrappurtaw ukoll dwar il-kwantitajiet tal-produzzjoni tagħhom stess li tkun inqerdet, fit-Taqsima ta' rappurtar 1.

L-impriżi li huma importaturi ta' idrofluworokarburi (gassijiet elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573, jew taħlita li fiha mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet) għandhom jirrappurtaw ukoll il-kwantitajiet tal-importazzjonijiet propji tagħhom li jkunu nqerdu, fit-Taqsima ta' rappurtar 5.

Il-kwantitajiet mibgħuta għall-qerda lil impriżi oħra fl-Unjoni ma għandhomx jiġu rrappurtati f'din it-Taqsima. Il-kwantitajiet esportati għall-qerda barra mill-Unjoni għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima 3G.

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
8_A	L-ammont meqrud mill-kumpanija li tirrapporta bl-użu tal-ossidazzjoni termali	Għall-idrofluworokarburi, it-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjoni bejn sorsi kkonċentrati u dilwiti.

	8_A_a	— minn dan l-ammont: ammont ta' gassijiet verġni meqruda (inklużi l-ammonti prodotti bħala prodotti sekondarji u meqruda)	Għandu jiġi rrappurtat għall-HFC-23 biss. It-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjoni bejn sorsi kkonċentrati u dilwiti.
8_Ba	L-ammont meqrud mill-kumpanija li tirrapporta bl-użu ta' teknoloġiji tal-plażma		Għall-idrofluworokarburi, it-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjoni bejn sorsi kkonċentrati u dilwiti.
	8_Ba_a	— minn dan l-ammont: ammont ta' gassijiet verġni meqruda (inklużi l-ammonti prodotti bħala prodotti sekondarji u meqruda)	Għandu jiġi rrappurtat għall-HFC-23 biss. It-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjon bejn sorsi kkonċentrati u dilwiti.
8_Bb	L-ammont meqrud mill-kumpanija li tirrapporta bl-użu ta' teknoloġiji ta' konverżjoni (jew noninċinerazzjoni)		Għall-idrofluworokarburi, it-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjoni bejn sorsi kkonċentrati u dilwiti.
	8_Bb_a	— minn dan l-ammont: ammont ta' gassijiet verġni meqruda (inklużi l-ammonti prodotti bħala prodotti sekondarji u meqruda)	Għandu jiġi rrappurtat għall-HFC-23 biss. It-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjon bejn sorsi kkonċentrati u dilwiti.
8_C	L-ammont meqrud mill-kumpanija li tirrapporta bl-użu ta' teknoloġiji oħra		Għall-idrofluworokarburi, it-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjoni bejn sorsi kkonċentrati u dilwiti. Għal gassijiet oħra meqruda, minbarra l-idrofluworokarburi, għandhom jiġu speċifikati t-teknoloġiji ta' qerda użati.
	8_C_a	— minn dan l-ammont: ammont ta' gassijiet verġni meqruda (inklużi l-ammonti prodotti bħala prodotti sekondarji u meqruda)	Għandu jiġi rrappurtat għall-HFC-23 biss. It-teknoloġija tal-qerda approvata skont il-Protokoll ta' Montreal għandha tiġi speċifikata, filwaqt li ssir distinzjoni bejn is-sorsi konċentrati u dilwiti.
	KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT		
8_D	Ammont meqrud mill-kumpanija li tirrapporta nnifisha		8_D = 8_A + 8_Ba + 8_Bb + 8_C
	8_D_a	— minn dan l-ammont: ammont ta' gassijiet verġni meqruda (inklużi l-ammonti prodotti bħala prodotti sekondarji u meqruda)	Għall-HFC-23 biss 8_D_a = 8_A_a + 8_Ba_a + 8_Bb_a + 8_C_a
	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA		KUMMENTI
8_E	Stokkijiet fl-1 ta' Jannar li qed jistennew biex jinqerdu		
8_F	Stokkijiet fil-31 ta' Diċembru maħsuba għall-qerda li qed jistennew biex jinqerdu		

Taqsima 11: Għandha timtela mill-impriżi li jkunu qiegħdu fis-suq gassijiet li jinsabu fi prodotti jew f'tagħmir jew f'partijiet minnhom skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/573 — l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 6 tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573 jew taħlitiet li fihom mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet li jinsabu fil-prodotti u fit-tagħmir jew f'partijiet minnhom għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), skont il-kategorija. Flimkien mal-kwantità totali ta' gassijiet, għandu jiġi rrappurtat l-għadd ta' unitajiet skont il-kategorija, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor. Għat-Taqsima 11_M, l-għadd ta' unitajiet għandu jirreferi għall-għadd ta' unitajiet funzjonali u għandu jiġi rrappurtat flimkien mal-kwantitajiet assoċjati ta' sustanzi.

Il-produtturi ta' prodotti jew tagħmir jew partijiet minnhom manifatturati fl-Unjoni ma għandhomx jirrappurtaw dwar prodotti u tagħmir jew partijiet minnhom jekk preċedentement il-gassijiet li jinsabu fihom kienu importati jew prodotti fl-Unjoni. Meta produttur jipproduċi hu stess gassijiet bl-ingrossa fl-Unjoni għall-użu fl-Unjoni għall-manifattura tal-prodotti u t-tagħmir tiegħu jew ta' partijiet minnhom, ir-rappurtar tiegħu dwar il-produzzjoni (it-Taqsima tar-rappurtar 1) għandu jkopri wkoll l-ammonti rilevanti tal-gass, għalhekk dawk l-ammonti ma għandhomx jiġu rrappurtati f'din it-Taqsima, iżda biss fit-Taqsima ta' rappurtar 1.

L-importaturi ta' prodotti jew ta' tagħmir jew partijiet minnhom li fihom gass fluworurat b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I, II u III tar-Regolament (UE) 2024/573 għandhom jirrappurtaw dwar l-importazzjonijiet kollha li fihom il-gass rilaxxati mid-dwana għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni. L-importazzjonijiet ta' polioli mħalltin minn qabel ma għandhomx jiġu rrappurtati f'din it-Taqsima, iżda fit-Taqsima 2 biss.

Fejn l-idrofluworokarburi (gassijiet elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573 jew taħlitiet li fihom tal-anqas wieħed minn dawk il-gassijiet) li jinsabu f'tagħmir importat ta' refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana jew f'inalaturi b'doża mkejla importati għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi kienu ġew esportati qabel mill-Unjoni, u kienu soġġetti għal-limitazzjoni tal-kwota ta' idrofluworokarburi għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, dan għandu jiġi rrappurtat fit-Taqsima ta' rappurtar 12 sabiex tingħata prova tal-konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2024/573. Fejn tagħmir importat ta' refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana jew partijiet minnhom jew inalaturi b'doża mkejla importati għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi li fihom idrofluworokarburi kienu tqiegħdu qabel fis-suq tal-Unjoni (inkluż l-iċċarġjar tal-idrofluworokarburi) u sussegwentement kienu ġew esportati mill-Unjoni qabel l-importazzjoni mill-ġdid, dan għandu jiġi rrappurtat fit-Taqsima ta' rappurtar 12a sabiex tingħata prova tal-konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2024/573. Il-kategoriji ta' prodotti jew tagħmir jew partijiet minnhom li ġejjin jinkludu komponenti maħsuba għal dawk il-kategoriji speċifikati tal-prodott jew tat-tagħmir.

Fejn ikun hemm referenza għall-kapaċità nominali u t-tagħmir jista' jkollu funzjonijiet differenti, il-kapaċità nominali tirreferi għall-funzjoni primarja tat-tagħmir.

Meta l-leġiżlazzjoni dwar l-Ekodisinn adottata skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tistabbilixxi metodu għall-kalkolu tal-kapaċità nominali ta' tagħmir, dak il-metodu għandu jintuża.

					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	KUMMENTI
11_A					Tagħmir stazzjonarju tal-arja kondizzjonata u pompi tas-sħana, ħlief chillers	Iċ-chillers li jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-Artikolu 3, il-punt (44) tar-Regolament (UE) 2024/573 għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima 11_C. Iċ-chillers riversibbli jitqiesu li jaqgħu taħt din il-kategorija u għandhom jiġu rrappurtati hawnhekk (11_A). 11_A = 11_A1 + 11_A2

([1]) Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/125/oj).

	11_A1				— minn dan l-ammont: Tagħmir awtonomu	Tagħmir kif imsemmi fil-punt (8) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih. Jinkludi unitajiet monoblokk u tagħmir li jista' jiċċaqlaq bejn il-kmamar mill-utent aħħari inklużi sistemi maqsumin portabbli. 11_A1 = 11_A1a + 11_A1b + 11_A1c
		11_A1a			— minn dan l-ammont: b'kapaċità nominali massima sa u inkluż 12 kW	Tagħmir kif imsemmi fil-punti 8(a), 8(b) u 8(c) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih. 11_A1a = 11_A1a1 + 11_A1a2 + 11_A1a3 + 11_A1a4
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
			11_A1a1		— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja	
			11_A1a2		— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma	
			11_A1a3		— minn dan l-ammont: sistemi mill-art għall-ilma	
			11_A1a4		— minn dan l-ammont: sistemi oħrajn	It-tip ta' sistema għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
		11_A1b			— minn dan l-ammont: b'kapaċità nominali massima ta' aktar minn 12 kW iżda mhux aktar minn 50 kW	Tagħmir kif imsemmi fil-punt 8(d) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih. 11_A1b = 11_A1b1 + 11_A1b2 + 11_A1b3 + 11_A1b4
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
			11_A1b1		— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja	
			11_A1b2		— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma	
			11_A1b3		— minn dan l-ammont: sistemi mill-art għall-ilma	
			11_A1b4		— minn dan l-ammont: sistemi oħrajn	It-tip ta' sistema għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
		11_A1c			— minn dan l-ammont: b'kapaċità nominali massima ta' aktar minn 50 kW	Tagħmir kif imsemmi fil-punt 8(e) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih. 11_A1c = 11_A1c1 + 11_A1c2 + 11_A1c3 + 11_A1c4

					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
			11_A1c1		— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja	
			11_A1c2		— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma	
			11_A1c3		— minn dan l-ammont: sistemi mill-art għall-ilma	
			11_A1c4		— minn dan l-ammont: sistemi oħrajn	Għandu jiġi speċifikat it-tip ta' sistema.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
	11_A2				— minn dan l-ammont: tagħmir tat-tip maqsum	Tagħmir kif imsemmi fil-punt 9 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih. Jinkludi tagħmir tal-arja kondizzjonata u ta' pompa tas-sħana fiss u b'kanal doppju kif imsemmi fin-nota (1) f'qiegħ il-paġna tal-punt 9 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573. Is-sistemi maqsumin portabbli ma għandhomx jiġu rrappurtati f'11_A2 hawnhekk, iżda fil-kategorija rilevanti taħt 11_A1. 11A2 = 11_A2a + 11_A2b
		11_A2a			— minn dan l-ammont: b'kapaċità nominali massima sa u inkluż 12 kW	11_A2a = 11_A2a1 + 11_A2a2 + 11_A2a3
			11_A2a1		— minn dan l-ammont: Sistemi maqsumin fi tnejn, eskluži sistemi bi fluss varjabbli tar-refriġerant ("VRF", Variable Refrigerant Flow)	Is-sistemi VRF b'kapaċità nominali massima sa u inkluż 12 kW għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima 11_A2a3. 11_A2a1 = 11_A2a1i + 11_A2a1ii + 11_A2a1iii
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
				A2a1i	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja maqsumin	
				A2a1ii	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma maqsumin	
				A2a1iii	— minn dan l-ammont: sistemi maqsumin fi tnejn oħrajn	It-tip ta' sistema għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
			11_A2a2		— minn dan l-ammont: sistemi multi-split (eskluži l-VRF)	Is-sistemi VRF b'kapaċità nominali massima sa u inkluż 12 kW għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima 11_A2a3. 11_A2a2 = 11_A2a2i + 11_A2a2ii + 11_A2a2iii

					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
				A2a2i	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja	
				A2a2ii	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma	
				A2a2iii	— minn dan l-ammont: sistemi multi-split oħrajn	It-tip ta' sistema għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
			11_A2a3		— minn dan l-ammont: sistemi ta' fluss varjabbli tar-refriġerant (VRF)	11_A2a3 = 11_A2a3i + 11_A2a3ii + 11_A2a3iii
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
				A2a3i	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja	
				A2a3ii	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma	
				A2a3iii	— minn dan l-ammont: sistemi VRF oħrajn	It-tip ta' sistema għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
		11_A2b			— minn dan l-ammont: b'kapaċità nominali massima ta' aktar minn 12 kW	Tagħmir kif imsemmi fil-punt 9(e) u l-punt 9(f) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih. 11_A2b = 11_A2b1 + 11_A2b2 + 11_A2b3
			11_A2b1		— minn dan l-ammont: sistemi maqsumin fi tnejn (minbarra VRF)	Jenħtieġ li s-sistemi VRF b'kapaċità nominali massima ta' aktar minn 12 kW jiġu rrappurtati fit-Taqsima 11_A2b3 11_A2b1 = 11_A2b1i + 11_A2b1ii + 11_A2b1iii
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
				A2b1i	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja maqsumin fi tnejn	
				A2b1ii	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma maqsumin fi tnejn	
				A2b1iii	— minn dan l-ammont: sistemi maqsumin fi tnejn oħrajn	It-tip ta' sistema għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
			11_A2b2		— minn dan l-ammont: sistemi multi-split (eskluż l-VRF)	Is-sistemi VRF b'kapaċità nominali massima ta' aktar minn 12 kW għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima 11_A2b3. 11_A2b2 = 11_A2b2i + 11_A2b2ii + 11_A2b2iii

					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
				A2b2i	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja	
				A2b2ii	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma	
				A2b2iii	— minn dan l-ammont: sistemi multi-split oħrajn	It-tip ta' sistema għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
			11_A2b3		— minn dan l-ammont: sistemi VRF	11_A2b3 = 11_A2b3i + 11_A2b3ii + 11_A2b3iii
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
				A2b3i	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-arja	
				A2b3ii	— minn dan l-ammont: sistemi mill-arja għall-ilma	
				A2b3iii	— minn dan l-ammont: sistemi VRF oħrajn	It-tip ta' sistema għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_B					Tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju, minbarra chillers	Iċ-chillers li jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-Artikolu 3, il-punt 44 tar-Regolament (UE) 2024/573 għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima 11_C. Iċ-chillers riversibbli għandhom jiġu rrappurtati taħt 11_A. 11_B = 11_B1 + 11_B2 + 11_B3 + 11_B4 + 11_B5
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	11_B1				Refriġeraturi u friżers domestiċi	Tagħmir kif imsemmi fil-punt (2) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih.
	11_B2				Refriġeraturi u friżers għal użu kummerċjali (tagħmir awtonomu)	Tagħmir kif imsemmi fil-punt (3) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih.
	11_B3				Tagħmir ta' refriġerazzjoni awtonomu ieħor, minbarra chillers	Tagħmir kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP ta' gassijiet li jinsabu fih, eskluż it-tagħmir li għandu jiġi rrappurtat fit-Taqsimiet 11_B1 jew 11_B2. It-tip ta' tagħmir għandu jiġi speċifikat.
	11_B4				Tagħmir ta' refriġerazzjoni, minbarra chillers, iddisinjati għat-tkessiħ għal temperaturi taħt – 50 °C	Tagħmir kif imsemmi fl-eċċezzjoni għall-punt 5(a) u Nru 5(b) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tal-gassijiet li jinsabu fih.

	11_B5				Kwalunkwe tagħmir ieħor ta' refriġerazzjoni, minbarra chillers	Tagħmir kif imsemmi fil-punt 5 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP ta' gassijiet li jinsabu fih, eskluż it-tagħmir li għandu jiġi rrappurtat fit-Taqsima 11_B4. It-tip ta' tagħmir għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_C					Chillers stazzjonarji	Iċ-chillers li jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-Artikolu 3, il-punt 44 tar-Regolament (UE) 2024/573 għandhom jiġu rrappurtati hawnhekk (11_C). 11_C = 11_C1 + 11_C2
	11_C1				— minn dan l-ammont: b'kapaċità nominali massima sa u inkluż 12 kW	11_C1 = 11_C1a + 11_C1b
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
		11_C1a			— minn dan l-ammont: Iddisinjati għat-tkessiħ għal temperaturi taħt – 50 °C	Tagħmir b'kapaċità nominali massima sa u inkluż 12 kW inkluż fl-eċċezzjoni għall-punt 7(a) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP.
		11_C1b			— minn dan l-ammont: Chillers oħra li għandhom kapaċità nominali massima sa u inkluż 12 kW	Tagħmir kif imsemmi fil-punt 7(b) u 7(c) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP, eskluż it-tagħmir li għandu jiġi rrappurtat fit-Taqsima 11_C1a.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
	11_C2				— minn dan l-ammont: b'kapaċità nominali massima ta' aktar minn 12 kW	11_C2 = 11_C2a + 11_C2b
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
		11_C2a			— minn dan l-ammont: Iddisinjati għat-tkessiħ għal temperaturi taħt – 50 °C	Tagħmir b'kapaċità nominali massima ta' aktar minn 12 kW inkluż fl-eċċezzjoni għall-punt 7(a) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tar-refriġerant li jkun fih.
		11_C2b			— minn dan l-ammont: Chillers oħra b'kapaċità nominali massima ta' aktar minn 12 kW	Tagħmir kif imsemmi fil-punt 7(d) tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573, irrispettivament mill-GWP tar-refriġerant li jkun fih, eskluż it-tagħmir li għandu jiġi rrappurtat fit-taqsima 11_C2a.
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI

11_D					Tagħmir stazzjonarju ieħor tar-refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata u pompi tas-sħana	It-tip ta' tagħmir għandu jiġi speċifikat.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_E					Tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli	11_E = 11_E1 + 11_E2 + 11_E3 + 11_E4
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	11_E1				Tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli għal vetturi ħfief b'refriġerazzjoni (eż. vannijiet)	
	11_E2				Tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli għal vetturi heavy-duty b'refriġerazzjoni (inklużi trakkijiet u trejlers)	
	11_E3				Tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli għal bastimenti b'refriġerazzjoni	
	11_E4				Kwalunkwe tagħmir ta' refriġerazzjoni mobbli ieħor	It-tip ta' tagħmir għandu jiġi speċifikat (eż. inkluż meta inkorporat f'vetturi, vapuri, ferroviji, ajruplani, makkinarju mobbli mhux tat-triq eċċ.).
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_F					Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli	11_F = 11_F1 + 11_F2 + 11_F3 + 11_F4 + 11_F5 + 11_F6 + 11_F7 + 11_F8 + 11_F9
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	11_F1				Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal karozzi tal-passiġġieri	
	11_F2				Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal karozzi tal-linja	
	11_F3				Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal vannijiet (vetturi ħfief)	
	11_F4				Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal trakkijiet u trejlers (vetturi heavy-duty)	
	11_F5				Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal vetturi u makkinarju agrikolu, tal-forestrija u tal-kostruzzjoni	
	11_F6				Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal karozzi ferrovjarji	
	11_F7				Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal vapuri	
	11_F8				Tagħmir tal-arja kundizzjonata mobbli għal inġenji tal-ajru u ħelikopters	

	11_F9				Kwalunkwe tagħmir ieħor tal-arja kundizzjonata mobbli	It-tip ta' tagħmir għandu jiġi speċifikat (eż. inkluż meta inkorporat f'vetturi, vapuri, ferroviji, ajruplani, makkinarju mobbli mhux tat-triq eċċ.).
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_G					Total ta' tagħmir tar-refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana	11_G = 11_A + 11_B + 11_C + 11_D + 11_E + 11_F
11_H					Prodotti tal-fowm	11_H = 11_H1 + 11_H2 + 11_H3 + 11_H4
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	11_H1				Bordijiet u pannelli tal-insulazzjoni tal-polistiren estruż (XPS)	Il-kwantitajiet ta' bordijiet XPS għandhom jiġu rrappurtati f'unitajiet ta' metri kubi (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati li jinsabu fihom f'unitajiet ta' tunnellati metriċi).
	11_H2				Bordijiet u pannelli tal-insulazzjoni tal-poliuretan (PU)	Il-kwantitajiet ta' bordijiet PU għandhom jiġu rrappurtati f'unitajiet ta' metri kubi (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati li jinsabu fihom f'unitajiet ta' tunnellati metriċi).
	11_H3				Fowm b'komponent uniku (OCF)	L-unità ta' kejl għall-kwantitajiet tal-OCF għandha tkun il-biċċiet ta' kontenituri ta' OCF (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati li jinsabu fihom f'unitajiet ta' tunnellati metriċi).
	11_H4				Prodotti oħra tal-fowm	Il-kategorija/i tal-prodott għandha/għandhom tiġi/jiġu speċifikata/i. Il-fowms fit-tagħmir għandhom jiġu rrappurtati hawnhekk. L-importazzjonijiet ta' polioli mħalltin minn qabel (eż. f'sistemi tal-poliuretan) ma għandhomx jiġu rrappurtati f'11_H4 hawnhekk, iżda fit-Taqsima 2. Il-kwantitajiet ta' prodotti tal-fowm għandhom jiġu rrappurtati f'unitajiet ta' metri kubi, tunnellati metriċi, jew biċċiet ta' prodott/tagħmir (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati li jinsabu fihom f'unitajiet ta' tunnellati metriċi).
11_I					Tagħmir għall-protezzjoni min-nar (inklużi sistemi u apparati għat-tifi tan-nar inkorporati fil-vetturi)	
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_J					Aerosols mediċi jew farmaċewtiċi	11_J = 11_J1 + 11_J2
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	11_J1				Inalaturi b'doża mkejla għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi	Inalaturi b'doża mkejla għall-kunsinna ta' ingredjenti farmaċewtiċi kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2024/573.

	11_J2				Aerosols mediċi jew farmaċewtiċi oħrajn	It-tip ta' aerosols għandu jiġi speċifikat. L-aerosols koperti mill-punt 20 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573 għandhom jiġu rrappurtati fit-Taqsima 11_L1.
11_K					Aerosols mhux mediċi	
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_L					Prodotti u tagħmir mediku u personali oħrajn	11_L = 11_L1 + 11_L2 + 11_L3
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	11_L1				Prodotti għall-kura personali	Prodotti msemmija fil-punt 20 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573. Il-kwantitajiet ta' prodotti għandhom jiġu rrappurtati f'unitajiet ta' volum nett tal-prodott, piż nett tal-prodott jew unitajiet tal-prodott (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati li jinsabu fihom f'unitajiet ta' tunnellati metriċi).
	11_L2				Tagħmir użat għat-tkessiħ tal-ġilda	Tagħmir imsemmi fil-punt 21 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573.
	11_L3				Prodott jew tagħmir mediku ieħor	It-tip ta' prodotti jew tagħmir għandu jiġi speċifikat. L-unità ta' kejl għall-kwantitajiet ta' prodotti u tagħmir għandha tkun il-volum nett tal-prodott, il-piż nett tal-prodotti jew l-unitajiet ta' prodott jew ta' tagħmir (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati li jinsabu fihom f'unitajiet ta' tunnellati metriċi).
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_M					Tagħmir għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku	11_M = 11_M1 + 11_M2 + 11_M3 + 11_M4 + 11_M5
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	11_M1				Kommutatur elettriku ta' vultaġġ medju għad-distribuzzjoni primarja u sekondarja sa u inkluż 24 kV	Minflok l-għadd ta' unitajiet, għandu jiġi rrappurtat l-għadd ta' unitajiet funzjonali bil-kwantitajiet assoċjati ta' sustanzi.
	11_M2				Kommutatur elettriku ta' vultaġġ medju għad-distribuzzjoni primarja u sekondarja minn aktar minn 24 kV sa u inkluż 52 kV	Minflok l-għadd ta' unitajiet, għandu jiġi rrappurtat l-għadd ta' unitajiet funzjonali bil-kwantitajiet assoċjati ta' sustanzi.

	11_M3				Kommutatur elettriku ta' vultaġġ għoli minn aktar minn 52 kV sa u inkluż 145 kV u sa u inkluż 50 kA ta' kurrent ta' ċirkwit qasir	Minflok l-għadd ta' unitajiet, għandu jiġi rrappurtat l-għadd ta' unitajiet funzjonali bil-kwantitajiet assoċjati ta' sustanzi.
	11_M4				Kommutatur elettriku ta' vultaġġ għoli ta' aktar minn 145 kV jew aktar minn 50 kA ta' kurrent ta' ċirkwit qasir	Minflok l-għadd ta' unitajiet, għandu jiġi rrappurtat l-għadd ta' unitajiet funzjonali bil-kwantitajiet assoċjati ta' sustanzi.
	11_M5				Tagħmir ieħor għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku	It-tip ta' tagħmir u l-livell ta' vultaġġ għandhom jiġu speċifikati.
11_N					Tagħmir tal-elettriku ieħor	It-tip ta' tagħmir u l-livell ta' vultaġġ għandhom jiġu speċifikati.
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_O					Aċċeleraturi tal-partiċelli	11_O = 11_O1 + 11_O2 + 11O_3 + 11_O4
					INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
	11_O1				Aċċeleraturi ta' partikoli mediċi	
	11_O2				Mikroskopji tal-elettroni	
	11_O3				Aċċeleraturi ta' partikoli tar-riċerka	
	11_O4				Aċċeleraturi ta' partikoli oħrajn	It-tip ta' aċċeleraturi ta' partikoli għandu jiġi speċifikat.
11_P					Prodotti u tagħmir oħra li fihom gassijiet elenkati fl-Annessi I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573	Għandhom jiġu speċifikati l-kategorija/i tal-prodott jew tat-tagħmir. L-unità ta' kejl għall-kwantitajiet ta' prodotti jew tagħmir għandha tkun il-volum nett tal-prodott, il-piż nett tal-prodott jew l-unitajiet ta' prodott jew ta' tagħmir (maġenb il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati li jinsabu fihom f'unitajiet ta' tunnellati metriċi).
					KWANTITAJIET IKKALKULATI AWTOMATIKAMENT	
11_Q					Total ta' prodotti u tagħmir li fihom gassijiet fluworurati elenkati fl-Annessi I, II jew III tar-Regolament (UE) 2024/573	11_Q = 11_G + 11_H + 11_I + 11_J + 11_K + 11_L + 11_M + 11_N + 11_O + 11_P
11_R					Total ta' prodotti u ta' tagħmir koperti mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2024/573	Għall-idrofluworokarburi biss. 11_R = 11_G + 11_J1 ([1])

([1]) Il-valur għall-qasam 11_J1 mhux se jitqies għas-sena 2024 fil-kalkolu ta' 11_R.

Taqsima 12: Għandha timtela mill-importaturi ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana jew inalaturi b'doża mkejla ċċarġjati bl-idrofluworokarburi, fejn l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir jew fil-prodotti importati kienu ġew esportati preċedentement mill-Unjoni u akkwistati mill-manifatturi ta' tagħmir jew prodotti direttament mill-impriża ta' esportazzjoni, u kienu soġġetti għal-limitazzjoni tal-kwota ta' idrofluworokarburi għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni — l-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 6 tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi b'akkuratezza sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi ttondjata 'l fuq, inkella għandha tiġi ttondjata 'l isfel), separatament għal kull idrofluworokarbur (gassijiet elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573 jew taħlita li fiha mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet).

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
12A	L-ammont ta' idrofluworokarburi ċċarġjati fit-tagħmir importat tar-refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana, rilaxxati mid-dwana għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, li għalih l-idrofluworokarburi qabel kienu ġew esportati mill-Unjoni u li kienu soġġetti għal-limitazzjoni tal-kwota għall-introduzzjoni fis-suq tal-Unjoni tal-idrofluworokarburi	Japplika għall-idrofluworokarburi li jinsabu f'tagħmir importat ta' refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana inklużi fl-ammonti rrappurtati fit-taqsima 11_G. Għandhom jiġu speċifikati l-impriża jew l-impriżi li jkunu esportaw l-idrofluworokarburi u s-sena jew is-snin tal-esportazzjoni. Għandhom jiġu speċifikati l-impriża jew l-impriżi li jkunu qiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba u s-sena jew is-snin ta' dak it-tqegħid fis-suq.
12B	L-ammont ta' idrofluworokarburi ċċarġjati fl-inalaturi b'doża mkejla importati, rilaxxati mid-dwana għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, li għalihom l-idrofluworokarburi kienu ġew esportati qabel mill-Unjoni u li kienu soġġetti għal-limitazzjoni tal-kwota tal-idrofluworokarburi għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni	Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2025 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2026). Tapplika għall-idrofluworokarburi li jinsabu f'inalaturi b'doża mkejla importati inklużi fl-ammonti rrappurtati fit-taqsima 11_J1. Għandhom jiġu speċifikati l-impriża jew l-impriżi li jkunu esportaw l-idrofluworokarburi u s-sena jew is-snin tal-esportazzjoni. Għandhom jiġu speċifikati l-impriża jew l-impriżi li jkunu qiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba u s-sena jew is-snin ta' dak it-tqegħid fis-suq.

Taqsima 12a: Għandha timtela mill-importaturi ta' tagħmir tar-refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana jew inalaturi b'doża mkejla ċċarġjati bl-idrofluworokarburi, fejn it-tagħmir jew il-prodotti importati (inklużi iċ-ċarġ tal-idrofluworokarburi) qabel kienu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni u sussegwentement ġew esportati mill-Unjoni qabel l-importazzjoni mill-ġdid — l-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) 2024/573 u l-punt 6 tal-Anness IX ta' dak ir-Regolament

Il-kwantitajiet għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati metriċi bi preċiżjoni sat-tielet pożizzjoni deċimali (jekk ir-raba' pożizzjoni deċimali tkun 5 jew aktar, it-tielet pożizzjoni deċimali għandha tiġi aġġustata 'l fuq, inkella għandha tiġi aġġustata 'l isfel), separatament għal kull idrofluworokarbur (gassijiet elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573 jew taħlita li fiha mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet).

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2195/oj
ĠU L, 5.9.2024

	INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI RRAPPURTATA	KUMMENTI
12aA	L-ammont ta' idrofluworokarburi ċċarġjati fit-tagħmir importat tar-refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana, fejn it-tagħmir (inkluż iċ-ċarġ tal-idrofluworokarburi) kien tqiegħed qabel fis-suq tal-Unjoni u sussegwentement ġie esportat mill-Unjoni qabel l-importazzjoni mill-ġdid	Japplika għat-tagħmir importat tar-refriġerazzjoni, tagħmir tal-arja kundizzjonata jew pompi tas-sħana inklużi fl-ammonti rrappurtati fit-Taqsima 11_G. L-impriża/i li tesporta/jesportaw it-tagħmir u s-sena/snin tal-esportazzjoni għandhom jiġu speċifikati. L-impriża/i li jkunu qiegħdu l-idrofluworokarburi jew it-tagħmir iċċarġjat minn qabel fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba u s-sena/snin ta' dak it-tqegħid fis-suq għandhom jiġu speċifikati.
12aB	L-ammont ta' idrofluworokarburi ċċarġjati fl-inalaturi b'doża mkejla importati, fejn l-inalaturi (inkluż iċ-ċarġ tal-idrofluworokarburi) kienu tqiegħdu qabel fis-suq tal-Unjoni u sussegwentement ġew esportati mill-Unjoni qabel l-importazzjoni mill-ġdid	Applikabbli għall-ewwel darba għal rappurtar dwar attivitajiet imwettqa fl-2025 (mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2026). Tapplika għal inalaturi b'doża mkejla importati inklużi fl-ammonti rrappurtati fit-taqsima 11_J1. L-impriża/i li tesporta/jesportaw it-tagħmir u s-sena/snin tal-esportazzjoni għandhom jiġu speċifikati. L-impriża/i li jkunu qiegħdu l-idrofluworokarburi jew l-inalaturi b'doża mkejla fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba u s-sena/snin ta' dak it-tqegħid fis-suq għandhom jiġu speċifikati.

Rapport żero: Għandu jimtela minn impriżi li ġew allokati kwota skont l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) 2024/573, jew li rċevew kwoti skont l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament iżda li ma qiegħdu l-ebda kwantità ta' idrofluworokarburi fis-suq fis-sena kalendarja li għaliha ġie ppreżentat ir-rapport — l-Artikolu 26(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/573

L-impriżi li ma jirrappurtaw l-ebda idrofluworokarbur (gassijiet elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/573 jew taħlitiet li fihom mill-inqas wieħed minn dawk il-gassijiet) imqiegħed fis-suq tal-Unjoni fit-Taqsima 4M għandhom jikkonfermaw in-nuqqas ta' attivitajiet relatati.